# Social Outings

DON'T GAMBLE WITH YOUR GROUP

## Ħarġiet Soċjali : tilgħabx logħob tal-ażżard mal-grupp tiegħek

**Din il-gwida "Ħarġiet Soċjali: tilgħabx logħob tal-ażżard mal-grupp tiegħek" kienet żviluppata minn aġenżiji fi sħab li kienu mħassbin dwar it-telf finanzjarju li kienu qed iġarbu gruppi li kienu jmorru ħarġiet sal-postijiet tal-logħob tal-ażżard, speċjalment il-Casino.**

**Int tista' tniżżel il-ġwida sħiħa on-line fuq www.nepcp.org.au**




Din is-sħubija ilha mis-sena 2009 'l hawn, tqajjem kuxjenza fost il-gruppi komunitarji dwar ir-riskji potenzjali ta' meta gruppi jittieħdu il-Casino. Huma qed jinvestigaw l-ispiża attwali ta' dawn il-ħarġiet u jiddokumentaw il-ħsara li tiġri mħabba fihom. Is-sħubija sabet li numru ta' gruppi kienu qed jieħdu sehem f'ħarġiet bil-bus sal-Casino mingħajr ma kienu jifhmu sewwa l-ispejjeż u r-riskji potenzjali.

Xi gruppi jqisu li dawn il-ħarġiet sal-Casino kienu valur tajjeb tal-flus li tħallas. Ir-riċerka li saret uriet li dawk il-gruppi kienu tipikament jonfqu bejn $1,000 u $3,500 fuq dawn il-ħarġiet. Il-biċċa l-kbira tal-ispiża kienet tikkonsisti minn telf fuq logħob tal-ażżard. Fost 200 parteċipant, wieħed biss rebaħ xi flus ($80). Kien hemm oħra li serqulha il-portmoni li kien fih $300. Barra minn dan xi membri tal-grupp irrappurtaw imġieba li indikat li kienu esposti għar-riskju sinifikanti tal-logħob tal-ażżard bħal ngħidu aħna kienu beħsiebhom imorru lura fil-Casino biex jirbħu dak li tilfu.

Bħala riżultat ta' dan ix-xogħol gruppi komunitarji bdew jitolbu tagħrif dwar l-attivitajiet u l-avvenimenti li jistgħu jiġu offruti bħala alternattiva għall-postijiet tal-logħob tal-ażżard. Il-gwida Ħarġiet Soċjali: Tilgħabx logħob tal-ażżard mal-grupp tiegħek fiha d-dettalji kollha meħtieġa biex tippjana ħarġiet pjaċevoli li huma valur tajjeb għall-flus li tħallas. Aħna nisperaw li din il-gwida ser tgħin lill-grupp tiegħek biex jagħżel ħarġiet li ma jinvolvux logħob tal-ażżard.

Il-ħarġiet f'dan il-Ktejjeb ser jqumu lill-grupp tiegħek inqas minn ġurnata fil-Casino!U ma jirrappreżentawx l-istess riskji!

Ħafna gruppi qalulna li l-akbar ostaklu biex imorru ħarġiet f'postijiet fejn m'hemmx logħob tal-ażżard hu n-nuqqas ta' trasport mhux għali. Aħna nissuġġerixxu li l-grupp tiegħek iqis l-użu ta' trasport pubbliku biex tmorru ħarġiet fi grupp. It-trasport pubbliku huwa relativament irħis, faċli biex tużah minn ħafna postijiet u joffri l-opportunità biex tieħu pjaċir waqt li tevita l-ispiża tal-kiri ta' bus kbira. Għalhekk, l-aħħar paġni tal-gwida Ħarġiet Soċjali fihom mapep u tagħrif ieħor dwar it-teħid tat-trasport pubbliku. Il-ħarġiet kollha fil-gwida jistgħu jintlaħqu permezz tal-karrozzi jew il-buses jekk il-grupp jippreferi dan.

**Jekk tixtieq tkellem ħaddiem bil-Malti dwar l-ippjanar tal-ħarġiet li ma jinvolvux logħob tal-ażżard, jew biex issib fejn int jew xi ħadd li taf jista' jikseb l-għajnuna dwar il-logħob tal-ażżard ikkuntattja lil**

Paul Lia
Ħaddiem tal-Iżvilupp fil-Komunità
Kunsill Malti ta' Victoria
(03) 9387 8922 or cd.mccv@hotmail.com

# Dwar il-gwida ta' Ħarġiet Soċjali:

Il-gwida dwar il-ħarġiet soċjali fiha ħafna attivitajiet differenti li l-grupp tiegħek jista' jagħmel. L-ewwel 12-il attività huma ħarġiet ta' ġurnata li int tista' tagħmel. Dawn il-ħarġiet joffru 3 kategoriji:

## B'Xejn




**CERES Environmental park**
**National Gallery of Victoria**
**Royal Botanic Gardens**
**St Kilda Foreshore**
**Williamstown**

## Ħlas baxx




**Abbotsford Convent**
**Collingwood Children's Farm**
**Darebin City Lawn Bowls Club**
**Immigration Museum**
**Jewish Museum**
**Melbourne Museum**

## Ħlas Medju




**Heidi Museum of Modern Art**
**Melbourne Zoo**

Dawn l-ispejjeż ikopru l-ispiża bażika tad-dħul jew l-attivitajiet. F'xi każi, hemm ukoll attivitajiet oħra bi ħlas ekstra u dan hu spjegat fuq fuq fil-Ktejjeb. L-ispiża tat-trasport u tal-ikel mhumiex inklużi fl-ispiża u ser jiddependu fuq l-għażliet li grupp tiegħek jagħżel.

Il-grupp tiegħek jista' jiddiskuti kemm tridu tonfqu u tieħdu deċiżjonijiet skont dan. Jekk tridu tonfqu inqas, morru bit-trasport publiku jew aqsmu bejnietkom il-karrozzi u morru picnic. Jekk tridu tonfqu aktar araw tridux tikru bus, u forsi tipprovaw xi wħud mill-aħjar restoranti ta' Melbourne.

Barra minn dawn il-ħarġiet, il-gwida fiha ħafna attivitajiet lokali li tistgħu tieħdu sehem fihom inklużi:

- **Pubs li ma fihomx magni tal-logħob tal-ażżard**
  – issapportjaw post li mhux qed jissussidja l-ikel permezz tat-telf mill-logħob tal-ażżard ta' nies vulnerabbli!
- **Kelliema Mistiedna għall-klabb tiegħek**
  – ħafna organizzazzjonijiet għandhom kelliema li jistgħu jitkellmu fuq problemi importanti dwar is-saħħa u l-komunità
- **Ħarġiet għal Op Shop**
  – ġawdu ħarġa ta' valur tajjeb għall-flus li tonfqu u araw li fluskom iservukom aktar!
- **Parks u Żoni tal-Piknik**
  – aħna xxurtjati li qed ngħixu f'Melbourne b'tant varjetà ta' postijiet fil-beraħ, siru afuhom aħjar
- **Swieq**
  – Melbourne għandha xi swieq ġewwa u barra
- **Avvenimenti u festivals staġġjonali f'Melbourne**

Biex nagħmluha eħfef biex tuża il-gwida, xi simboli intużaw fiha.

Dan is-simbolu jgħidlek...

...l-indirizz

...kemm għandek tistenna li tħallas għall-ħarġa

...meta tiftaħ l-attrazzjoni

...kif tmur biex tasal fil-post tal-ħarġa

...fejn tista' tiekol, inklużi postijiet tal-picnic

...attrazzjonijiet oħra

...kif tikseb aktar tagħrif

**Ftakar, żomm ruħek b'saħħtek u evita l-periklu - tilgħabx logħob tal-ażżard mal-grupp tiegħek!**

NEPCP Partnership For Healthy Communities
Inner North West PRIMARY CARE PARTNERSHIP
Hume Whittlesea Primary Care Partnership
gambler's help 1800 858 858
problemgambling.vic.gov.au
Moreland City Council
City of Darebin
Banyule City Council
City of Yarra
City of Moonee Valley
City of Whittlesea
Hume City Council